MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1246/2003

**Claude Mangion**

**Vs**

**David Coleiro**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm1,200.00c (elf u mitejn lira Maltin) rapprezentanti cheque mahrug mill-APS Bank Ltd, liema cheque nghata mill-konvenut lill-attur, liema cheque ma setghax jissarraf.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 23 t'April, 2003 u bl-imghax legali mill-10 t'Ottubru, 2002 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' riduzzjoni pprezentata llum seduta stante li permezz taghha l-attur irriduca t-talba attrici ghal

Lm700.00c (seba' mitt lira Maltin) u dan stante erba' (4) pagamenti li ghamel il-konvenut waqt il-mori tal-kawza.

Ra n-nota ta' ammissjoni pprezentata llum ukoll seduta stante li permezz taghha l-konvenut ammetta t-talba attrici kif ridotta.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, fl-ammont ta' Lm700.00c (seba' mitt lira Maltin), bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------